MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2011

Appell Kriminali Numru. 348/2010

**App. Nru. 348/2010 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Jeffrey Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Jeffrey Camilleri talli f'dawn il-Gzejjer, fl-24 ta' Mejju 2009, ta jew ftiehem li jaghti jew offra jew ippropona lil xi persuna ohra, direttament jew indirettament, li dik il-persuna l-ohra ghandha taghti jew tiftiehem li taghti jew tiftiehem li taghti jew toffri, xi rigal jew kumpens lil Brian Chetcuti, *player* ta' Santa Lucia Football Club, biex ihajru jaghmel jew bi tpattija talli jaghmel jew jonqos milli jaghmel, jew talli, wara li jkun beda jsehh l-Att Dwar il-

Prevenzjoni ta’ Xiri ta’ *Players*, ikun ghamel jew naqas milli jaghmel xi haga li, jekk issir jew jonqos milli ssir, tkun bi ksur tas-subartikolu (1) jew (2) ta’ l-istess Att;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-8 ta’ Lulju 2010 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Jeffrey Camilleri hati ta’ l-imputazzjoni dedotta u minnha lliberatu;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali pprezentat fid-29 ta’ Lulju 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok issib lill-imsemmi Jeffrey Camilleri hati ta’ l-imputazzjoni dedotta u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-fedina penali aggornata ta’ l-imsemmi Jeffrey Camilleri esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni tal-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant Avukat Generali hu li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat u rragjonevoli tal-provi. Skond l-appellant, dan il-kaz huwa bbazat kompletament fuq dak li xehed Brian Chetcuti, u cioe` l-persuna li stqarr mal-Pulizija li gie avvicinat mill-appellat waqt il-loghba Santa Lucija FC u Zurrieq FC fl-24 ta’ Mejju 2009 u offrielu somma flus biex jikkorrompih. L-appellant jghid li din il-partita kienet krucjali peress illi min jirbah kien se jitla’ ghat-tieni divizjoni fil-Kampjonat Malti tal-*football*. L-appellant isostni li Brian Chetcuti baqa’ dejjem konsistenti fil-verzjoni tieghu, u cioe` li lejn l-ahhar tal-partita gie avvicinat mill-*player* bin-numru 4 (l-appellat) u dan qallu: *“22, penalty u elf euro wara l-loghba”*. L-appellant ma jaqbilx mal-konkluzjoni ta’ l-ewwel Qorti li ma tistax toqghod biss fuq l-kelma ta’ Brian Chetcuti li ma hi kkorroborata bl-ebda mod. Dan ghax hafna mill-kazijiet ta’ korruzzjoni jinvolvu l-verzjoni ta’ wiehed kontra l-iehor. Inoltre, ikompli l-appellant, jirrizulta li malli sehh dan l-

avvicinament illegali Brian Chetcuti mar jinforma lit-Tezorier tal-klabb ta’ Santa Lucija sabiex jiehu l-passi necessarji. Brian Chetcuti qatt ma kien ra lill-appellat qabel dik il-loghba u ghalhekk ma kellux interess jaghmel din l-allegazzjoni fil-konfront ta’ l-appellat. Skond l-appellant, Brian Chetcuti sahansitra ta dettalji tal-pozizzjoni tal-*players* kollha fil-mument li gie avvicinat mill-appellat. Ix-xiehda ta’ xhud wiehed jekk emnut hi sufficjenti u l-verzjoni ta’ Brian Chetcuti hi aktar verosimili u kwindi kellu jitwemmen.

L-aggravju ta’ l-appellant jirrikjedi apprezzament tal-provi, u din il-Qorti ezaminat il-provi flimkien mas-sentenza appellata sabiex tara jekk l-ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tikkonkludi li l-appellat ma kienx hati ta’ l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu. M’hemm l-ebda dubju li x-xiehda ta’ xhud wiehed biss, jekk emmnut, hija bizzejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar. U kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Thorne** tad-9 ta’ Lulju 2003, *“mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f’kaz ta’ konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f’hiex ser temmnu jew ma temmnux”*.

Issa, l-ewwel Qorti kellha l-opportunita` li tara u tisma’ x-xhieda u b’hekk setghet tevalwa l-provi skond il-kriterji fl-imsemmi artikolu 637 biex waslet ghall-konkluzjoni taghha. Huwa minnu li fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti qalet illi ma setghetx issib htija a bazi ta’ allegazzjoni ta’ *player* wiehed minghajr ebda korroborazzjoni, izda dik il-Qorti qalet aktar minn hekk. Difatti l-ewwel Qorti esprimiet id-dubji taghha minhabba l-fatt illi Brian Chetcuti ma nfurmax lill-ufficjali tat-*team* tieghu mill-ewwel dwar dak li allegatament gara – li skond dan Chetcuti gara vicin id-disghin minuta loghob – izda tkellem ftit qabel ma ntemmet l-ewwel taqsima tal-hin barrani. Imbaghad, din l-allegazzjoni lanqas giet riferuta lir-*referee*, tant li ma

tinsabx imnizzla fir-rapport ufficjali tar-*referee*. L-ewwel Qorti fil-fatt ikkummentat: “Ghal xi raguni kollox jindika li r-rapport ta’ Chetcuti gie qisu *‘afterthought’* u ma giex inkluz fir-rapporti ufficjali.” Apparti dan kollu l-ewwel Qorti qieset ic-cahda konsistenti ta’ l-appellat.

Huwa minnu illi jidher mill-atti u kif jghid l-appellant, li l-appellat u Brian Chetcuti ma kinux jafu lil xulxin. Mhuwiex minnu, pero`, li Brian Chetcuti avvicina lit-Tezorier minnufih. Huwa minnu wkoll illi Brian Chetcuti ndika l-pozizzjoni tal-*players*, izda hekk ukoll ghamel l-appellat. Huwa minnu li Brian Chetcuti kien konsistenti fil-verzjoni tieghu, izda l-appellat kien ukoll konsistenti fic-cahda tieghu. Kollox ma’ kollox ghalhekk l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkonkludi kif ikkonkludiet u din il-Qorti ma ssibx raguni impellenti biex tiddisturba l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------